

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-30 ta' April 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte dei Conti – Sezione Giurisdizionale Per la Regione Puglia – l-Italja) – HB (C-168/19), IC (C-169/19) vs Istituto nazionale della previdenza sociale

(Kawżi magħquda C-168/19 u C-169/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-persuni – Artikolu 21 TFUE – Princípjju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonaliità – Artikolu 18 TFUE – Ftehim għall-ħelsien mit-taxxa doppja – Ħaddiema tas-settur pubbliku – Pensjonant li jirrisjedi fi Stat Membru differenti minn dak li jħallsu pensjoni tal-irtirar u li ma għandux in-nazzjonaliità tal-Istat Membru ta' residenza – Taxxa fuq id-dħul – Allegat telf ta' vantaġġi fiskali – Allegat ostakolu għall-moviment liberu u allegata diskriminazzjoni)

(2020/C 240/24)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte dei Conti – Sezione Giurisdizionale Per la Regione Puglia

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: HB (C-168/19), IC (C-169/19)

Konvenut: Istituto nazionale della previdenza sociale

Dispożittiv

L-Artikoli 18 u 21 TFUE ma jipprekludux sistema fiskali li tirriżulta minn ftehim għall-ħelsien mit-taxxa doppja konkluż bejn żewġ Stati Membri, li abbażi tiegħu l-ġurisdizzjoni fiskali ta' dawn l-Istati Membri fil-qasam ta' tassazzjoni fuq il-pensjoni tal-irtirar hija maqsuma skont jekk il-benefiċjarji tagħhom kinux jeżerċitaw impieg fis-settur privat jew fis-settur pubbliku u, f'dan l-aħħar każ, skont jekk għandhomx jew le, in-nazzjonaliità tal-Istat Membru ta' residenza.

(¹) ĠU C 206, 17.6.2019

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-30 ta' April 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Bucureşti – ir-Rumanija) – Hecta Viticol SRL vs Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF) – Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor, Biroul Vamal de Interior Buzău, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Galați

(Kawża C-184/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Directiivi 92/83/KEE u 92/84/KEE – Rati tas-sisa fuq l-inbid u x-xorb iffermentat mingħajr gass li ma huwiex inbid jew birra – Rati tas-sisa ddifferenzjati – Princípjji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi)

(2020/C 240/25)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Bucureşti

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Hecta Viticol SRL

Konvenuti: Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF) – Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor, Biroul Vamal de Interior Buzău, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Galați